MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 6/2005/1

**Felix Cefai u martu Mary Cefai**

**v.**

**Joseph Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Joseph Cutajar minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-21 ta' Frar

2007 liema sentenza qed tigi hawn riprodotta ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell.

L-atturi (illum appellati) kienu ipprezentaw citazzjoni fejn ippremettew li:
“Peress illi fis-sittax (16) ta' Lulju elfejn u tlieta (2003), waqt illi kien qiegħed isuq ir-rota tiegħu matul Triq l-Indipendenza, Qala, Għawdex, l-attur safa investit minn vettura Piaggio Porter numru tar-reġistrazzjoni EBK 072 misjuqa mill-konvenut Joseph Cutajar illi kienet tinsaq matul Triq San Franġisk fid-direzzjoni ta' triq l-Isqof Buttigieg ;

“U peress illi l-inċident seħħ għaliex meta il-vettura tal-konvenut waslet f'salib it-toroq, dan baqa' ħiereġ mingħajr ma waqaf u mingħajr ma osserva l-*istop sign* indikat appositivament fit-triq, u għalhekk il-konvenut jiġi illi naqas illi josserva r-regolamenti tat-traffiku, u saq b'manjiera traskurata u perikoluża ;

“U peress illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għal nuqqasijiet oħra illi sejrin jiġu pruvati dettaljatament fil-kors tal-kawża, għal dan l-inċident jaħti unikament il-konvenut ;

“U peress illi l-attur sofra danni nġenti per konsegwenza ta' dan l-inċident stradali konsistenti fi ħsarat fir-rota tiegħu – illi ġiet danneġġjata '*beyond economic repair*'' u feriti personali, per konsegwenza ta' liema l-attur baqa', għadu u sejjer jibqa' jsofri minn debilita` permanenti kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża; kif ukoll spejjeż ta' tobba u mediċinali kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

“U peress illi dan kollu qiegħed jikkaġuna danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti lill-attur ;

“U peress illi għalkemm is-soċjeta` assikuratriċi, sia pure' wara ħafna titubazzjoni, aċċettat illi l-inċident ġara tort tal-konvenut, hija baqgħet ma riditx tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' dak l-inċident minkejja illi ġiet interpellata ripetutament għal dan il-għan ;

"U peress illi l-atturi jridu illi jiġu kumpensati ta' dawn id-danni.

"Ghid ghalhekk inti konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara lilek Joseph Cutajar unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali ;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

"3. Tikkundannak tħallas dawn id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali spedita kontestwalment kontra l-kumpanija assikuratriċi tiegħek, kontra tiegħek u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt."

Il-konvenut ipprezenta nota ta' l-eccezzjoniiet (fol. 11) fejn eccepixxa li :-

"1. Illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi għall-inċident mertu ta' din il-kawża l-eċċipjent ma kellu ebda tort stante li l-inċident ġara unikament b'tort tal-attur Felix Cefai.

"2. Illi għalhekk it-talbiet attriċi kif diretti fil-konfront tal-eċċipjent għandhom jiġu respinti in toto bl-ispejjeż.

"3. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi."

**Decizjoni ta' l-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti ddecidiet il-vertenza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet l-ewwel talba u ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident mertu tal-kawza; illikwidat id-danni sofferti mill-

atturi fl-ammont ta’ hdax-il elf tlett mija u sebgha u sebghin lira (Lm 11,377) u kkundannat lill-istess konvenut sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

Il-Qorti tal-ewwel grad hekk immotivat is-sentenza taghha: “Ikkonsidrat :

“Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu għal inċident stradali li fih il-vettura misjuqa mill-konvenut investiet lill-attur waqt li dan kien qed isuq il-*bicycle* tiegħu u konsegwenza ta' hekk, apparti li ġie danneġġjat dan il-*bicycle*, huwa sofra ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi[2].

“Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward :

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero`, si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

“FATTI.

“L-inċident mertu tal-kawża ġara waqt li l-attur kien qed isuq il-bicycle tiegħu fi Triq l-Indipendenza, il-Qala, Għawdex, fis-16 ta' Lulju 2003 għal xi 13.30 p.m. Il-

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2.
[2] art. 1033 Kap. 16.
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano ed. 1903 vol. II. # 18 p.32 -33 .

konvenut, li kien qed isuq il-vettura tiegħu tat-tip Piaggio Porter matul Triq San Frangisk, hekk kif wasal f'salib it-toroq laqat lill-attur[4]. B'konsegwenza ta' dan, il-*bicycle* ta' l-attur ġarrbet xi ħsara[5]. Agħar minn hekk pero` l-attur stess weġġa' f'diversi partijiet ta' ġismu u spiċċa b'debilita` permanenti fi spalltu l-leminija[6].

“RESPONSABILITA`.

“Billi, kif ġia ngħad, il-konvenut ammetta l-ħtija fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, m'hemm bżonn ta' l-ebda indaġini f'dan ir-rigward.

“LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

“Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f’din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[7]. Fl-eżerċizzju ta’ din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi moltepliċi, u tista’ ukoll utilment tużaha bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta’ kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f’dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b’xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b’dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita’ ta’ kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta’ kull fattispeċie[8].

“Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f’żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta’ qliegħ futur (*lucrum cessans*).

“**Damnum Emergens :**

[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva a fol. 5 -7 tal-process, u skizz a fol. 18.
[5] ara ritratti Dokti. 46 u 47 a fol. 52.
[6] ara rapport ta' l-espert mediku a fol. 62 – 65.
[7] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952.
[8] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019.

"Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega fid-dettal l-ispejjeż illi huwa kellu jaghmel in konnessjoni mal-feriti li ġarrab minħabba f'dan l-inċident, u dana f'konsulti ta' tobba, mediċini, traġitti bil-vapur u terapija[9]. Flimkien ma' dan l-affidavit, l-attur esebixxa rendikont ta' l-ispejjeż kollha illi huwa kellu jagħmel f'dan ir-rigward, liema spejjeż laħħqu s-somma ta' ħames mija sebgħa u sebgħin lira maltija u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm577.21)[10] u jinsabu kollha korroborati bl-irċevuti rispetttivi[11]. Ma' dawn hemm inklużi l-ispejjeż sabiex jissewwa l-*bicycle* li kien riekeb meta seħħ dan l-inċident. B'kollox huwa nefaq erbgħin lira maltija (Lm40) sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa[12]. Dawn il-kontijiet ma ġew ikkontestati bl-ebda mod, jidhru ġustifikati fiċ-ċirkostanzi tal-każ u allura huma ripetibbli.

"**Lucrum Cessan**s :

"Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*[13]*.* Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża : **"***Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun*

[9] ara affidavit tieghu a fol.14 -16.
[10] ara rendikont a fol. 17.
[11] ara ricevuti Dokti. FC 2 sa FC 44 a fol. 24 - 50 .
[12] ara Dok. FC 45 a fol. 51.
[13] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell :15.1.2002.

*tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[14]*.* Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita` u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żidiet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment.* F'dawn l-aħħar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[15].

"L-attur baqa' ma ressaq ebda provi dwar ix-xogħol tiegħu qabel ma seħħ dan l-inċident u l-introjtu li kellu. Imma fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu jgħid illi huwa kien impjegat bħala bennej ma' ċertu Mario Camilleri, u li kellu dħul gross ta' : Lm5364 fis-sena. Ma dawn kien idaħħal ukoll madwar Lm800 oħra mill-bejgħ ta' prodotti agrikoli li kien ikabbar fir-raba tiegħu[16]. Il-konvenut jidher illi aċċetta dawn l-ammonti bħala d-dħul annwali ta' l-attur, għax fin-nota responsiva tiegħu, huma dawn l-istess ammonti li jutilizza sabiex jaħdem il-*quantum* illi fil-fehma tiegħu għandu jkun dovut bħala danni[17]. Li mhumiex jaqblu l-kontendenti huwa dwar ir-rata ta' persentaġġ ta' dizabilita` li għandha tiġi kkalkolata għall-fini tal-komputazzjoni ta' l-ammont dovut.

"L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras stabilixxa r-rata ta' dizabilita` permanenti li qed isofri minnha l-attur bħala waħda ta' tmienja fil-mija (8%)[18]. L-attur pero` jsostni illi minħabba l-eta` u n-natura ta' xogħol li kellu l-attur, u in vista wkoll ta' dak li qal l-espert mediku fis-sens illi : "***Niddubita jekk ikunx jista' jerġa' jmur għax-xogħol tal-bini***," ser ikun kważi impossibbli għalih li jsib xi xogħol ieħor li jkun jista' jagħmel, u għalhekk jipproponi rata' ta'

[14] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994.
[15] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003.
[16] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu a fol. 81.
[17] ara Nota responsiva a fol. 87.
[18] ara rapport a fol. 65.

dizabilita` ta' mija fil-mija (100%)[19]. In sostenn ta' din it-teżi tiegħu, l-attur jiċċita ġurisprudenza fis-sens illi :

"*Il-ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli terġa' tpoġġi l-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel … Huwa inġust li f'dawn il-każijiet, u fejn ir-restituzzjoni fiżika tal-ġisem u s-saħħa tal-vittma ta' l-att illegali w inġust ta' ħaddieħor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm jista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-eżerċizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bażi ta' statistika u induzzjoni.*" [20]

“Imma kif tajjeb jargumenta l-konvenut, "*Il-perċentwali ta' mija fil-mija (100%) jirrispekkja, u għandu biss jiġi interpretat, fejn il-vittma tkun mietet u dan jingħad għaliex il-perċentwali ta' disabilita' ta' mija fil-mja (100%) ifisser li persuna tilfet kull funzjoni ta' ġisimha, saħansitra anke' dik respiratorja."* [21]

“Madankollu jeżistu diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li jsostnu li "*d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol alternattiv u dan in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' qliegħ aħjar f'xogħol addattat għal min ma għandux dizabilita` fiżika, senjatament f'każ ta' xogħol manwali*," [22] u li anke " *għal dak li jirrigwarda l-perċentwali, ta' dizabilita`, dak li jrid jiġi stabilit m'humiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qliegħ tal-persuna midruba*." [23] In vista ta' dan, din il-Qorti tirrikonoxxi illi f'dan il-każ partikolari l-attur ser isibha diffiċli li jkompli jagħmel ix-xogħol manwali li kien imdorri jagħmel, imma mhux b'daqshekk kwalunkwe xogħol ieħor. Għalhekk tħoss illi jkun aktar ekwu jekk id-dizabilita` permanenti li għandha tittieħed in konsiderazzjoni tkun waħda ta' tletin fil-mija (30%).

---

[19] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu a fol 80.
[20] Mario Camilleri vs Mario Borg et noe..
[21] ara Nota tieghu a fol. 85.
[22] Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe. : 9.12.2002.
[23] Saviour Sammut et. vs Robert Demanuele : 12.07.2002.

"Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqgħalha taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet titteħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum-il ġurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta` tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[24]. Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 55 sena[25] u għalhekk kien għad baqgħalu ħajja lavorattiva ta' sitt (6) snin. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Lm6000 (media ta' paga bażi) x 6 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 30% (debilita` permanenti) = Lm10800. In vista tal-ħajja lavorattiva qasira li kien għad baqgħalu l-attur meta seħħ dan l-inċident, m'għandux ikun hemm tnaqqis minħabba l-*lump sum payment.*

"RI-EPILOGU.

"Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti :

| | | |
|---|---|---|
| "1. | Damnum emergens : | Lm 577 + |
| "2. | Lucrum Cessans: | Lm 10800 |
| " - | Total ta': | Lm 11377" |

**Rikors ta' l-appell tal-konvenut**

Il-konvenut Joseph Cutajar hassu aggaravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha.

Fis-sustanza l-aggravji tal-appellant jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti adoperat kalkolu hazin meta giet biex tahdem il-kwantum tad-danni dovuti bhala lucrum cessans. Hi kellha, minflok, tadotta

[24] Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc: 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim'Awla : 8.5.1990.

[25] ara ċertifikat tal-kirurgu Mr. Raymond Aquilina : Dok FC 26 a fol. 41 tal-process.

likwidazzjoni ta' danni konformi mal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati.

Fir-rigward ta' dana l-aggravju l-apellant jargumenta b'mod partikolari li meta l-ewwel Qorti assenjat percentwali ta' 30% ghad-dizabilita` permanenti, hi ghamlet dana minghajr ma hadet in konsiderazzjoni l-kwadru shih tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-appellant jikkontendi li hemm sproporzjon qawwi u mhux ekwu bejn il-percentwali ta' dizabbilita` riportata mill-espert mediku (8%) u dik milhuqa fid-diskrezzjoni tal-gudikant in prim istanza ta' 30%. Inoltre josserva li l-applikazzjoni ta' percentwali ta' 30% ghal persuna li ghad fadlilha hajja lavorattiva ta' sitt snin, huwa wiehed ezagerat u lil hinn mir-realita'. Ighid li kemm l-espert *ex parte* kif ukoll dak appuntat mill-Qorti waslu ghall percentwali ferm izghar minn dak ta' 30% assenjat mill-Qorti. L-esperti jigu appuntati appuntu biex jirrelataw skond l-*expertise* taghhom dwar id-dizabbilita` sofferta minn danneggjat u generalment il-Qorti, ghalkemm tvarja kriterji ohra bhal per ezempju *multiplier,* rari tvarja l-percentwali raggjunta.

**Risposta ta' l-atturi appellati**

L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda ta' l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

L-appelat Felix Cefai isostni li minhabba l-incident in kwistjoni hu ma kienx aktar kapaci jahdem. Hu bniedem illitterat, u bl-eta` li ghandu u mdorri dejjem u esklussivament fix-xoghol manwali, la darba tilef dak ix-xoghol, kien impossibbli ghalih li jsib xoghol alternattiv. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti llikwidat kumpens a bazi ta' dizabbilita` ta' 30%, ghalkemm hu xorta wahda jhoss li l-ewwel Qorti kienet pjuttost konservattiva fl-assenjazzjoni li ghamlet dwar id-dizabilita`. L-appellat ighid li hu sofra telf ta' l-introjtu fl-intier tieghu u mhux fi grad ta' tmienja fil-mija biss. Ghalhekk tkun ingustizzja jekk it-telf ta' dhul tieghu jigi limitat esklussivament ghad-debilita` medika u tigi skartata ghall-kollox il-verita` illi minhabba dik id-debilita` huwa tilef xoghlu darba ghal dejjem.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Illi f'dina l-kawza, ir-responsabbilita` ghall-incident *de quo* hija ammessa. (ara fol. 58 tal-process) u l-kontestazzjoni hija biss fuq il-likwidazzoni tad-danni sofferti mill-appellati. L-ewwel Qorti llikwidat dawn id-danni fl-ammont ta' Lm 11,377.

Jidher li, f'dan l-istadju, il-kontestazzjoni ta' l-appellant hija limitata biss ghall-percentwali ta' 30% li l-ewwel Qorti akkordat bhala debilita` permanenti. Ma jirrizultax li qed jigi kontestat il-*multiplier*, l-media tal-paga bazi u l-*lump sum deduction.*

L-ewwel Qorti ddecidiet li tgholli l-percentwali minn 8%, skond kif qalu l-esperti medici (kemm dak nominat mill-Qorti, kif ukoll dak *ex parte)* ghall 30% billi ghal dak li jirrigwarda l-percentwali ta' dizabbilita` dak li jrid jigi stabbilit mhux il-grad ta' ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tal-persuna midruba. In vista ta' dan, l-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi f'dan il-kaz partikolari l-attur kien ser isibha difficli li jkompli jaghmel ix-xoghol manwali li kien imdorri jaghmel, imma mhux b'daqshekk kwalunkwe xoghol iehor.

L-appellant jikkontendi li meta l-espert tal-Qorti rrelata dwar il-kundizzjoni fizika ta' l-appellat Felix Cefai, esprima semplici dubju meta qal li: "niddubita jekk ikunx jista' jerga jmur ghax-xoghol tal-bini", u l-frazi li uza hija kwalifikata ghall-kwalita` ta' xoghol li l-appellat jista' jkun impedut milli jaghmel fil-qasam tal-bini, u mhux ghal kwalsiasi tip ta' xoghol iehor li l-appellat jista' jimpjega ruhu fih.

Min-naha l-ohra l-appellat ighid li meta gara l-incident huwa kellu 55 sena u kien ghadda ghomru jahdem biss fix-xoghol tal-bini, xoghol manwali, u m'ghandu ebda tahrig ghal xi tip ta' xoghol iehor. Fl-eta` tieghu hu impossibbli li jsib impieg iehor jew isib min iharrgu jaghmel xoghol iehor. B'konsegwenza ta' dana l-incident hu tilef ix-xoghol li kellu, ma hadimx mis-16 ta' Lujlu 2003 u ghadu sa llum bla impieg.

Issa, kif rajna, il-grad ta' dizabbilita` li sofra l-appellat Cefai gie likwidat fl-ammont ta' 8% kemm mill-espert mediku ex parte konsultat minnu, Mr. R. Aquilina, kif ukoll minn dak nominat mill-Qorti, Mr. C. Sciberras. Fir-rapport tieghu Mr. Aquilina jghid li "Since he (Felix Cefai) works as a roof layer this has effectively meant that he was unable to return to work…. Pain arises from heavy use of this arm. This will persist and it will stop him from being able to continue with **his normal work."** (fol 41).

L-espert nominat mill-Qorti Mr. C. Sciberras (fol. 62) ikkonkluda li "l-attur garrab hsara fl-acromio clavicular joint (subluxation). Barra minn hekk deher li garrab hsara fil-muskoli ta' madwar l-ispalla (rotator cuff). La ghadhom m'ghaddewlux il-problemi s'issa, sentejn wara l-incident, x'aktarx li ser jibqa' jbati xi ftit bihom. **Niddubita** jekk ikunx jista' jerga' jmur ghax-xoghol tal-bini".

Illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-*giudizio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet ta' l-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" *[App. C. Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App. C. Philip Grima v. Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998].*

F'dan il-kaz il-Qorti mhux qed tqieghed in dubbju l-konkluzzjonijiet peritali, imma apparti l-konkluzjonijiet purament medici, din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, trid taghmel ukoll il-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat <u>bhala rizultat dirett</u> ta' l-incident <u>kif ukoll ghal</u>

dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilta` permanenti li necessarjament tincidi, fost hwejjeg ohra, fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Dana ukoll mhux biss attwalment fic-cirkustanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma **wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorattiva miftuha ghalih.** (ara App Galea v. Mizzi 23 ta' April 2001).

L-appellat qed jippretendi li wara l-incident hu ma kienx aktar kapaci jahdem, u fil-fatt ma hadimx aktar mis-sena 2003 u tilef l-introjtu kollu illi huwa kien sejjer jaqla' mix-xoghol tieghu bejn l-eta` ta' 55 sena u almenu l-eta` ta' 61 minhabba d-debilita` fi spalltu abbinata max-xoghol manwali li hu kapaci jaghmel.

Dina l-Qorti, pero`, taqbel ma' l-ewwel Qorti li ghalkemm f'dan il-kaz partikolari, bhal ma qalu t-tobba, ser ikun difficili li l-appellat ikompli jaghmel xoghol manwali li kien imdorri jaghmel, izda dan ma kienx ifisser li b'daqshekk hu ma kienx kapaci jaghmel ebda xoghol iehor. Minhabba dan il-fatt, u fl-istess hin billi l-prospetti ta' xoghol ghall-appellat inbidlu u saru aktar difficili, l-ewwel Qorti ziedet il-percentwali ghal 30% biex tikkumpensa ghan-nuqqas ta' dawn il-prospetti lavorattivi. L-appellant jikkunsidra li dina z-zieda bhala wahda sproporzjonata, izda dina l-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz, l-ewwel Qorti kienet gustifikata tgholli l-percentwali. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tissostitwixxi l-valutazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti b'valutazzjoni ohra taghha f'dan ir-rigward.

Konsidrat il-fatt li l-apprezzament tal-grad ta' debilita` ghandu jkun ibbazat fuq il-kriterji medici kif ukoll fuq il-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti dwar il-*working capacity* li fadallu d-danneggjat, u f'dan il-kaz il-fatt ukoll li l-appellat mhux prekluz milli jahdem f'kategoriji ohra tax-xoghol, dina l-Qorti hi tal-fehma li l-figura ta' 30% f'dan il-kaz partikolari, hija ragjonevoli u ekwa; dan tenut kont ukoll tal-fatt li dan l-*assessment* hu dejjem wiehed approssimattiv.

In vista ta’ dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tichad l-aggravju ta’ l-appellant.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellati s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, hames mija u wiehed Ewro, u tmienja u ghoxrin centezmu, (Ewro 26,501.28) kif ordnat mill-ewwel Qorti;

L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza kif deciz minn l-ewwel Qorti.

Spejjez ta’ l-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------